MALTA

# QORTI KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2007

Numru 7301/2007

Fl-attijiet ta' l-istruttorja fl-ismijiet:

**Il-Pulizija**
**(Spettur Goeffrey Azzopardi u**
**Spettur Therese Sciberras)**

**v.**

**Costantino Gouder**

**Il-Qorti:**

Regghet rat ir-rikors ta' l-Avukat Generali, minnu presentat il-bierah 23 ta' Jannar 2007, li permezz tieghu huwa talab li din il-Qorti tordna l-arrest mill-gdid u d-detenzjoni ulterjuri ta' l-imputat fil-kawza fl-ismijiet hawn fuq indikata (Art. 574A(9) tal-Kap. 9);

Rat id-digriet taghha tal-bierah li permezz tieghu l-imsemmi rikors gie appuntat ghas-smigh ghal-lum;

Semghet fl-udjenza tal-lum lill-Avukat Dott. Aaron Bugeja ghar-rikorrent Avukat Generali kif ukoll lill-Avukat Dott. Roberto Montalto ghall-intimat imputat; semghet ukoll bil-gurament lill-Ispettur tal-Pulizija Goeffrey Azzopardi;

Rat l-attijiet tal-prezentata u hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, s’intendi ghall-mument minn dak li xehed l-imsemmi spettur; ikkunsidrat:

L-imputat jinsab akkuzat bir-reati ta’ serq ikkwalifikat, *inter alia*, bil-mezz a dannu ta’, fost ohrajn, mara ta’ sebgha w sebghin sena; li huwa recidiv; kif ukoll b’ricettazzjoni u bi hsara volontarja.

Issa, kif tajjeb osserva r-rikorrent Avukat Generali, f’dan il-kaz kienet applikabbli d-disposizzjoni ta’ l-Artikolu 575A tal-Kodici Kriminali – disposizzjoni li jidher li l-Qorti tal-Magistrati injorat kompletament – ghalkemm ghandu wkoll jinghad li l-ufficjal prosekutur quddiem dik il-Qorti ammetta quddiem din il-Qorti li ma kienx gibed l-attenzjoni ta’ l-ewwel Qorti ghal din id-disposizzjoni pjuttost novella. Ghalhekk suppost li l-Qorti tal-Magistrati ssospendiet l-ordni ghall-helsien mill-arrest skond ma jipprovdi s-subartikolu (3) ta’ l-imsemmi Artikolu 575A.

Apparti minn hekk, u apparti l-garanzija <u>personali</u> ta’ ghaxart elef lira imposta mill-ewwel Qorti – garanzija li, fil-kaz ta’ persuna dizokkupata, bhalma huwa l-intimat odjern, hija mhux biss sproporzjonata izda wkoll kontro-indikata – din il-Qorti hi tal-fehma li f’dan il-kaz l-imputat qatt ma messu nghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest, certament ghall-anqas f’dana l-istadju. L-imputat huwa tossikodipendenti, b’antecendenti ta’ serq kwalifikat fil-fedina penali tieghu. Il-persuna li allegatament kienet mieghu meta allegatament giet kommessa s-serqa meritu tal-kawza odjerna ghadha ma gietx pozittivament identifikata; u ghalhekk, f’dawn ic-cirkostanzi, hemm l-ingredjenti <u>kollha</u> li jindikaw li hemm <u>perikolu reali</u> ta’ intralc mar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja bil-mod kif

ravvizat fil-paragrafi (a), (d) u (e) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 575 tal-Kodici Kriminali. F'dan il-kaz l-ewwel Qorti ezercitat id-diskrezzjoni taghha b'mod manifestament zbaljat (ara d-digriet ta' din il-Qorti ta' l-24 ta' Novembru 2006 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Josef Camilleri et***).

Ghall-motivi premessi, tilqa' t-talba ta' l-Avukat Generali u tordna l-arrest mill-gdid u d-detenzjoni ulterjuri tal-intimat Costantino Gouder fit-termini tas-subartikolu (9) tal-Artikolu 574A tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------